MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 499/2004

**Roger Micallef**

**Vs**

**Gordon u Claudette konjugi Callus**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' elf Lira Maltin (LM1,000.00) rapprezentanti sehem skond ftehim tat-22 ta' April, 2002 illi l-konvenuti obbligaw ruhhom illi jhallsu lill-attur sa l-ahhar ta' Gunju, 2002.

Illi skond dan il-ftehim il-konvenuti kienu obbligaw ruhhom illi jhallsu lill-attur u lill-Paul Bellia s-somma ta' elfejn Lira Maltin (LM2000.00) u cioe' elf Lira Maltin (LM1000.00) li kull wiehed sa l-ahhar ta' Gunju, 2002.

Illi l-konvenuti hallsu lill-imsemmi Bellia s-sehem tieghu fl-ammont ta’ elf Lira Maltin (LM1000.00) pero’ qed jirrifjutaw illi jhallsu l-elf Liri Maltin sehem l-atur lill-istess attur;

Illi l-attur interpella ghal hlas diversi drabi anke permezz ta’ ittra legali tal-11 ta’ Dicembru, 2002 stante illi l-hlas kellu jsir sal-ahhar ta’ Gunju, 2002 skond il-ftehim pero’ bqaqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qed jigi mitlub jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ elf Lira Maltin (LM1000.00) ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija bl-imghax b’effett mill-1 ta’ Lulju, 2002 u bl-ispejjez kollha nkorsi mill-attur inkluz il-mandati ta’ Sekwestru u l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mall-Avviz.

Ra r-risposta tal-konvenuti konjugi Callus fejn issollevaw illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont ma huwa dovut kif reklamat peress illi l-ammont ta’ elf Lira Maltin (LM1000.00) pretiza giet effettivament imhallsa lill-attur circa sena u nofs ilu u ta’ dan hallha d-debita ricevuta kif jirrizulta mill-kopja annessa;

Ra x-xhieda ta’ Roger Micallef u Gordon Callus;

Ra r-Rapport tal-espert kaligrafu Joseph Gaffiero;

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza;

Sema’ l-partijiet li jirrimettu ruhhom ghar-rapport tal-Perit Kaligrafu;

Illi x-xhieda ta’ Claudette Callus ma kienetx fl-Atti tal-kawza. Illi t-Tribunal ssospenda l-prolazzjoni tas-senteneza minhabba x-xhieda mankanti tal-konvenuta Claudette Callus u ddiferixxa l-kawza sabiex terga’ tixhed il-konvenuta Claudete Callus. Fin-nuqqas li tidher il-konvenuta fil-gurnata appuntata ghas-smiegh tal-kawza, il-kawza kellha tmur ghas-sentenza. Illi l-konvenuti naqsu li jidhru quddiem it-Tribunal ghas-seduta tat-23 ta’ Mejju, 2007. Illi t-Tribunal jinnota lli l-konvenuti qatt ma dehru

quddiem dan it-Tribunal kif inhu presjedut ghal dawn l-ahhar hames seduti u cioe' mis-16 ta' Ottubru, 2006 sat-23 ta' Mejju, 2007, u lanqas ma dehru quddiem il-perit kaligrafu. Ghalhekk, peress illi l-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport tal-Perit kaligrafu, t-Tribunal iddecieda jiddefirixxi l-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza titratta dwar somma dovuta fl-ammont ta' elf Lira Maltin (LM1000.00) li allegatament ma gietx imhallasa mill-konvenuti u li l-konvenuti jghidu li giet imhallsa skond id-debita ricevuta annessa mar-risposta. Din ir-ricevuta kienet fotokopja u l-original qatt ma gie prezentat fl-Atti.

Illi ma kien hemmx qbil dwar il-firma tal-attur fir-ricevuta esebita mill-konvenuti. L-Attur cahad li hu kien iffirma xi ricevuta u *di piu'* jsostni li l-firma fuq ir-ricevuta saret b'ingann.

It-Tribunal, laqa' talba ghan-nomina tal-Perit kaligrafu Joseph Gaffiero fil-15 ta' Marzu, 2006 a spejjez provizorji tal-atttur.

Illi skond rapport maghmul mill-Perit Kaligrafu Joseph Gaffiero huwu jghid illi kien talab ir-ricevuta originali. Ir-rapport huwa bazat fuq paragun ta' firem li sab fir-ricevuta datata 15 ta' Ottubru, 202 flimkien mal-firem li insabu fil-ftehim datat 22 ta' April, 2002 a fol.44. Il-Perit Kaligrafu kkonkluda lli l-firma tal-attur fir-ricevuta giet fotokopjata mill-firma tal-attur mill-fethim datat 22 ta' April, 2002.

Il-Perit enfasizza c-certezza tieghu f'dak li sab u qal li l-firma tal-attur Roger Micallef giet mehuda u superimposta fuq ricevuta li turi bhala xhieda lil Gordon u Claudette Callus.

It-Tribunal, jaqbel mar-rapport tal-Perit Kaligrafu Jospeh Gaffiero u ha joqghod fuq dak li ntqal u gie mahluf minnu,

sabiex it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni gusta tal-vertenza ta’ din il-kawza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta’ elf Lira Maltin (LM1000.00) lill-attur, bl-imghaxijiet mill-1 ta’ Lulju, 2002 u bl-ispejjez kollha nkorsi mill-attur inkluz il-mandat ta’ Sekwestru, l-ittra ufficjali u l-ispejjez tal-perit kaligrafu.

Spejjez tal-awza a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------